

32005D0379

18.5.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 125/15

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Mejju 2005

dwar iċ-ċertifikat tal-pedigree u l-partikolaritajiet għall-annimali tat-trobbija ta' razza pura mis-speċi bovina, l-isperma, il-bajd u l-embrijunii tagħhom

(innotifikata taħt id-dokument numru C(2005) 1436)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/379/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

War li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE tal-25 ta' Lulju ta' l-1977 dwar annimali tat-trobbija ta' razza pura mill-ispeċi bovina ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ħames inċiż ta' l-Artikolu 6 (1) tagħha,

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva 77/504/KEE, l-Istati Membri jistgħu jitolbu li annimali tat-trobbija ta' razza pura mill-ispeċi bovina, l-isperma, l-bajd u l-embrijuni tagħhom għandhom jiġu akkumpanjati, għall-kummerċ intra Komunitarju, minn ċertifikat tal-pedigree maħruġ minn organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet ta' produttori awtorizzati ("iċ-ċertifikat tal-pedigree"). Id-Direttiva tipprovdi wkoll li l-partikolaritajiet li għandhom jitniżżlu fiċ-ċertifikat tal-pedigree għandhom jiġu armonizzati.
- (2) Il-mudell taċ-ċertifikat tal-pedigree u l-partikolaritajiet li għandhom jiġu pprovduti permezz ta' mudelli bħal dawn jew f' dokumentazzjoni ekwivalenti huma bħalissa stipolati għall-annimali tat-trobbija ta' razza pura mill-ispeċi bovina fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 86/404/KEE ⁽²⁾, għall-isperma u l-embrijuni fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/124/KEE ⁽³⁾ u għall-bajd fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/80/KE ⁽⁴⁾. Fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità tal-leġislażzjoni tal-Komunità, id-Deċiżjonijiet 86/404/KEE, 88/124/KEE u 96/80/KE għandhom jiġu revokati u sostitwiti minn Deċiżjoni waħda.
- (3) Id-dispożizzjonijiet dwar l-identifikazzjoni ta' annimali bovini huma stipolati fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju ta' l-2000, li jstabbilixxi sistema ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni ta' annimali bovini u t-tikkettjar ta' ċaᅅga u prodotti taċ-ċaᅅga u jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 ⁽⁵⁾.
- (4) Dispożizzjonijiet speċjali dwar it-testjar uffiċjali ta' barrin ta' razza pura huma stipolati fid-Direttiva tal-Kunsill 87/328/KEE tat-18 ta' Ġunju ta' l-1987 dwar l-aċċettazzjoni għall-raġjunijiet ta' trobbija ta' annimali ta' razza pura tat-trobbija mill-ispeċi bovina ⁽⁶⁾.
- (5) Iċ-ċertifikat tal-pedigree għandhom jiżguraw għall-konsumaturi ta' annimal jew tal-prodotti ġerminali tiegħu l-informazzjoni minima li tikkorrispondi għall-partikolaritajiet meħtieġa mid-Deċiżjonijiet 86/404/KEE, 88/124/KEE u 96/80/KE. Abbażi ta' l-esperjenza ma' l-evoluzzjoni tat-teknoloġija informatika, u bil-konsiderazzjoni tal-fatt li ċerti riżultati minn evalwazzjoni ġenetika huma disponibbli pubblikament, jidher li r-rakkomandazzjoni għall-mudell armonizzat ta' ċertifikat m'għadhiex aktar meħtieġa, u li ċerti partikolaritajiet jistgħu jiġu pprovduti b'mod suffiċjenti għal ċerti ċirkostanzi permezz ta' referenza għas-sors pubbliku tagħhom.
- (6) Ċertifikat tal-pedigree jew stqarrijiet li jiċċertifikaw dokumentazzjoni ekwivalenti jinħarġu minn korpi li huma rikonoxxuti skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 84/247/KEE tas-27 ta' April ta' l-1984 li tistipola l-kriterji għar-rikonoxximent ta' l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet ta' produttori li jżommu jew jstabbilixxu kotba tal-merħla ta' l-annimali tat-trobbija mill-ispeċi bovina ⁽⁷⁾. Iżda jidher xieraq li ċertifikat tal-pedigree għall-isperma jistgħu jinħarġu wkoll minn ċentri ta' ġbir jew ta' ħażna li huma approvati skond id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE ta' l-14 ta' Ġunju ta' l-1988 li jstipola l-kondizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ intra komunitarju fl-importazzjoni ta' l-isperma minn annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina ⁽⁸⁾ u li ċertifikat tal-pedigree minn embrijuni jistgħu jinħarġu wkoll minn timijiet ta' ġbir approvati skond id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru ta' l-1989 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jiggvernew il-kummerċ intra Komunitarju fl-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijuni ta' annimali domestiċi mill-ispeċi bovina ⁽⁹⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 206, 12.8.1977, p. 8. Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

⁽²⁾ ĠU L 233, 20.8.1986, p. 19.

⁽³⁾ ĠU L 62, 8.3.1988, p. 32. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2002/8/KE (ĠU L 3, 5.1.2002, p.53).

⁽⁴⁾ ĠU L 19, 25.1.1996, p. 50. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2002/8/KE.

⁽⁵⁾ ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 167, 26.6.1987, p. 54.

⁽⁷⁾ ĠU L 125, 12.5.1984, p. 58.

⁽⁸⁾ ĠU L 194, 22.7.1988, p. 10. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2004/101/KE (ĠU L 30, 4.2.2004, p. 15).

⁽⁹⁾ ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1; Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanentidwar iż-Żooteknika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni tistipola l-partikolaritajiet li għandhom jitniżżlu fiċ-ċertifikati tal-*pedigree* jew fid-dokumenti li jakkumpanjaw l-annimali tat-trobbija ta' razza pura mill-ispeċi bovina, l-isperma, l-bajd jew l-embrijuni tagħhom fil-kummerċ intra Komunitarju. Iċ-ċertifikati tal-*pedigree* skond din id-Deċiżjoni għandhom jinħarġu minn organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet ta' produttori approvati (minn hawn jissejħu: "organizzazzjonijiet ta' produttori") li huma rikonoxxuti uffiċjalment skond id-Deċiżjoni 84/247/KEE. Iċ-ċertifikati tal-*pedigree* għall-isperma jistgħu jinħarġu wkoll minn ċentri ta' ġbir jew ta' ħażna li huma approvati skond id-Direttiva 88/407/KEE u ċ-ċertifikati tal-*pedigree* għall-embrijuni jistgħu jinħarġu wkoll minn timijiet ta' ġbir ta' l-embrijuni li huma approvati skond id-Direttiva 89/556/KEE, abbażi tal-partikolaritajiet pprovduti mill-organizzazzjonijiet ta' produzzjoni skond l-Artikolu 3(2), u 5(2) ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Iċ-ċertifikati għall-annimali għandhom ikollhom id-dettalji li ġejjin:

- it-titolu li ġej: "Ċertifikat tal-*pedigree* maħruġ skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/379/KE għall-kummerċ intra Komunitarju";
- l-isem ta' l-organizzazzjoni ta' produttori kkonċernata li hija rikonoxxuta uffiċjalment skond id-Deċiżjoni 84/247/KEE;
- l-isem tal-ktieb tal-merħla;
- ir-razza;
- is-sess;
- in-numru fl-inklużjoni fil-ktieb tal-merħla;
- id-data ta' meta nħareġ iċ-ċertifikat;
- is-sistema ta' identifikazzjoni;
- in-numru ta' identifikazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000;
- id-data tat-twelid;
- isem u indirizz il-produttur;
- isem u indirizz is-sid

m) il-*pedigree*:

L-annimal maskili	Missier missieru	Omm missieru
Nru fil-ktieb tal-merħla	Nru fil-ktieb tal-merħla	Nru fil-ktieb tal-merħla
L-Omm	Missier ommha	Omm ommha
Nru fil-ktieb tal-merħla	Nru fil-ktieb tal-merħla	Nru fil-ktieb tal-merħla

- ir-riżultati disponibbli mit-testijiet ta' rendiment u riżultati aġġornati ta' l-evalwazzjoni ġenetika inklużi l-pekuljaritajiet ġenetiċi u d-difetti ġenetiċi ta' l-annimal innifsu u tal-ġenituri u n-nanniet tiegħu huma meħtieġa fil-programm ta' trobbija għall-kategorija ta' l-annimal in kwestjoni. Jekk ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni ġenetika huma disponibbli lill-pubbliku fuq l-internet, ikun biżżejjed li ssir referenza għall-portal fejn jinsabu tali riżultati.
- fil-każ ta' annimali nisa tqal, id-data ta' l-inseminazzjoni jew tat-tgħammir u l-identifikazzjoni tal-barri li jkun għammarha;
- l-isem u t-titolu tal-persuna firmatarja, id-data u l-post tal-wasla taċ-ċertifikat u l-firma ta' l-individwu li huwa awtorizzat mill-organizzazzjoni tat-trobbija risponsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat.

2. Madankollu, dawk id-dettalji jistgħu jkunu inklużi f'dokumenti oħrajn li jakkumpanjaw l-annimal bil-kondizzjoni li l-organizzazzjoni tat-trobbija li għandha l-ktieb tal-merħla tiċċertifika d-dokumenti mas-sentenzi li ġejjin: "Il-persuna hawn taħt iffirmita tiċċertifika li l-partikolaritajiet meħtieġa mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/379/KE¹⁰ huma inklużi mad-dokumenti mehmuża: ...", kompluta b' lista eżawrjenti ta' dokumenti mehmuża rilevanti.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikati tal-*pedigree* għall-isperma għandhom ikollhom id-dettalji li ġejjin:

- il-partikolaritajiet kollha msemmija fl-Artikolu 2 li jikkonċernaw il-barri li jipprovdi l-isperma kif ukoll il-grupp tad-demmi jew ir-riżultati mit-test li jipprovdu garanziji ekwivalenti għall-finijiet tal-verifika tal-*pedigree*;
- l-informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' l-isperma, id-data tal-ġbir u l-isem u l-indirizz taċ-ċentru tal-ġbir ta' l-isperma jew taċ-ċentru tal-ħażna ta' l-isperma u tad-destinatarju;
- għall-isperma maħsuba għat-testjar uffiċjali ta' barrin tar-razza pura, l-isem u l-indirizz ta' l-organizzazzjonijiet uffiċjali jew ta' assoċjazzjonijiet risponsabbli għall-iżvolġiment tat-testijiet skond id-Direttiva 87/328/KEE;

d) l-isem u t-titolu tal-persuna firmatarja, id-data u l-post tal-wasla taċ-ċertifikat u l-firma ta' l-individwu li huwa awtorizzat mill-organizzazzjoni tat-trobbija risponsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat.

2. Madankollu, dawk il-partikolaritajiet jistgħu jkunu inklużi f'dokumenti oħrajn li jakkumpanjaw l-isperma bil-kondizzjoni li l-organizzazzjoni tat-trobbija li għandha l-ktieb tal-merħla tiċċertifika d-dokumenti mas-sentenzi li ġejjin: "Il-persuna hawn taħt iffirmata tiċċertifika li l-partikolaritajiet meħtieġa mill-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/379/KE¹⁰ huma inklużi mad-dokumenti mehmuża: ...", kompluta b' lista eżawrijenti ta' adokumenti mehmuża rilevanti.

Artikolu 4

1. Iċ-ċertifikati tal-pedigree għall-bajd għandhom ikollhom id-dettalji li ġejjin:

- a) id-dettalji kollha msemija fl-Artikolu 2 li jikkonċernaw l-annimal femminili li ttiprovdi l-bajda kif ukoll il-grupp tad-demmi jew ir-riżultati mit-test li jipprovdu garanziji ekwivalenti għall-finijiet tal-verifika tal-pedigree;
- b) l-informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-bajd, id-data tal-ġbir u l-ismijiet u l-indirizzi tat-timijiet tal-ġbir tal-bajd kif ukoll tad-destinatarju;
- c) fejn ikun hemm iktar minn bajda waħda fit-tubu, għandu jkun hemm identifikazzjoni ċara dwar in-numru ta' bajd li għandhom ikollhom kollha l-istess omm;
- d) l-isem u t-titolu tal-persuna firmatarja, id-data u l-post tal-wasla taċ-ċertifikat u l-firma ta' l-individwu li huwa awtorizzat mill-organizzazzjoni tat-trobbija risponsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat.

2. Madankollu, dawk id-dettalji jistgħu jkunu inklużi f'dokumenti oħrajn li jakkumpanjaw il-bajd bil-kondizzjoni li l-organizzazzjoni tat-trobbija li għandha l-ktieb tal-merħla tiċċertifika d-dokumenti mas-sentenzi li ġejjin: "Il-persuna hawn taħt iffirmata tiċċertifika li d-dettalji meħtieġa mill-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/379/KE¹⁰ huma inklużi mad-dokumenti mehmuża: ...", kompluta b' lista eżawrijenti ta' dokumenti mehmuża rilevanti.

Artikolu 5

1. Iċ-ċertifikati tal-pedigree għall-embrijuni għandhom ikollhom id-dettalji li ġejjin:

- a) id-dettalji kollha msemija fl-Artikolu 2 li jikkonċernaw l-annimal femminili li ttiprovdi l-bajda kif ukoll il-barri li jiffertilizza l-bajda flimkien mal-grupp tad-demmi tagħhom jew ir-riżultati mit-test li jipprovdu garanziji ekwivalenti għall-finijiet tal-verifika tal-pedigree;
- b) l-informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' l-embriju, id-data tal-ġbir u l-ismijiet u l-indirizzi tat-timijiet tal-ġbir ta' l-embriju kif ukoll tal-persuna li tirċievi;
- c) fejn ikun hemm iktar minn embrijun wieħed fit-tubu, għandu jkun hemm identifikazzjoni ċara dwar in-numru ta' embrijuni li għandhom ikollhom kollha l-istess ġenituri;
- d) l-isem u t-titolu tal-persuna firmatarja, id-data u l-post tal-wasla taċ-ċertifikat u l-firma ta' l-individwu li huwa awtorizzat mill-organizzazzjoni tat-trobbija risponsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat.

2. Iżda dawk id-dettalji jistgħu ikunu inklużi f'dokumenti oħrajn li jakkumpanjaw l-embrijuni bil-kondizzjoni li l-organizzazzjoni tat-trobbija li għandha l-ktieb tal-merħla tiċċertifika d-dokumenti mas-sentenzi li ġejjin: "Il-persuna hawn taħt iffirmata tiċċertifika li d-dettalji meħtieġa mill-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/379/KE¹⁰ huma inklużi mad-dokumenti mehmuża: ...", kompluta b' lista eżawrijenti ta' dokumenti mehmuża rilevanti.

Artikolu 6

Id-Deċiżjonijiet 86/404/KEE, 88/124/KEE u 96/80/KE huma rrevokati.

Artikolu 7

Id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar is-17 ta' Mejju 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni